# GHELUQ

**Bħala għeluq tat-Tifkiriet li nkitbu f'dan in-Numru Speċjali ta' "Il-Malti" fuq il-Poeta Liriku RUŻAR BRIFFA, inġibu dawn iż-żewġ poeżiji li kienu nkitbu, waħda minn Rużar Briffa fl-1927, u l-oħra mill-ħabib tiegħu s-Sur F.S. Caruana fl-1928, bħala tweġiba.**

## LIL F.S. CARUANA

*(Deħret l-Ewwel darba f'Il-"Pronosku Malti" ta' l-1927)*

*Ta'* R. Briffa

Trid taf, Saver, jekk għadx nissokta ngħanni
la jaslu fuqi s-snin minn tat-tbatija?
'Ma x'nagħmel jien jekk tiskot ġewwa qalbi
il-għanja ħelwa, il-għanja taż-żgħożija?!

Kif nista' qatt inbiegħed minni l-ħolma
li jien stess ħloqt ħa ssabbar ftit lil qalbi?
Min jiġi mbagħ'd ħa jhenni lil din ħajti
u jreġġa' għas-sewwa 'l xewqti 'il ħsiebi, 'il talbi?

Int taf, Saver, li nżomm il-ħajja b'fiergħa
u aktarx li jiena sirt ma nemmen f'ħadd,
'ma x'jibqa' fija jien jekk niċħad ħolmti
u nisfa' bniedem hekk... bħal mhu kulħadd?

Mhux hekk, Saver, mhux jien irrid ħajti;
twelidt ħa ngħix, ħa mmut wara s-sbuħija,
ħa ngħolli ħsiebi fuq il-ħsieb ta' sħabi,
twelidt ħa ngħanni dejjem sa x-xjuħija.

U 'kk qatt għad tehda din il-ħrara tiegħi,
u ħsiebi iżjed ma jissaħħar b'xejn,
jien neqred għala dejjem din il-ħajja,
għaliex tkun fiergħa, tkun ma tiswa għalxejn.

Imbgħ'd, Saver, int li tkun taf bil-ħolma
—il-ħolma għażiża li sebbħitli l-ħajja—
ejja fuq qabri, naqqax fuq l-irħama :
"Hu miet għax le ma xtaq ikun mal-qtajja' ".